MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 59/2003/1

**Josephine maghrufa bhala Guza Saliba**

**v.**

**Carmen Buttigieg, France Cumbo, Joseph Cumbo, Grace Delia, Mary Randich, Anton Cumbo u b'digriet tas-27 ta' Dicembru 2010 stante l-mewt ta' Anton Cumbo fil-mori tal-kawza, il-gudizzju f'ismu gie trasfuz ghal fuq Carmen Agius u Charles Cumbo**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu provvediment dwar it-talba li saret konguntament mill-partijiet permezz ta' rikors tas-27 ta' Jannar 2011 sabiex din il-Qorti tordna l-bdil fl-okkju tal-kawza odjerna fis-sens illi fejn hemm indikat l-isem "France Cumbo" bhala wiehed mill-appellati odjerni, dan jinbidel u jsir "Francis Cumbo" u konsegwentement tawtorizza l-legittimazzjoni tal-atti odjerni, f'dak li jirrigwarda l-mejjet Charles Cumbo, f'isem l-appellati Mary Randich, Francis Cumbo (sottolinear tal-partijiet) Carmen Buttigieg, Grace Delia u Joseph Cumbo, taht il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

**Fatti relevanti**

Is-segwenti huma l-fatti relevanti ghall-kwistjoni mertu ta' dan il-provvediment.

Fil-21 ta' Jannar 2003 giet ipprezentata citazzjoni minn Josephine maghrufa bhala Guza Saliba kontra Carmen Buttigieg, France Cumbo, Joseph Cumbo, Grace Delia, Mary Randich, Anton Cumbo u Charles Cumbo.

Il-konvenut Anthony Cumbo miet fl-20 ta' Jannar 2006. Fid-19 ta' Novembru 2006 miet Carmelo Cumbo (ara c-certifikat tal-mewt fol. 210). Il-kawza fil-prim istanza giet differita ghas-sentenza fit-12 ta' Dicembru 2007 u cioe` wara li mietu Anthony Cumbo u Carmelo Cumbo. Ma saret ebda talba ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju.

B'rikors konguntiv tal-partijiet tal-14 ta' Mejju 2010 saret talba sabiex il-Qorti tawtorizza l-legittimazzjoni tal-atti rigward il-mejjet Antonio Cumbo fil-persuna tal-werrieta universali tieghu Carmen Agius u rigward il-mejjet Carmelo Cumbo favur il-werrieta tieghu u Mary Randich, Francis Cumbo, Carmen Buttigieg, Grace Delia u Joseph.

B'digriet taghha tad-9 ta' Lulju 2010 il-Qorti rrilevat li sa dak il-mument Carmen Agius ma kienitx parti fil-kawza u li ghalhekk inkwantu ghall-legittimazzjoni tal-atti fir-rigward taghha kellha tigi segwita procedura ohra.

B’rikors tal-15 ta’ Dicembru 2010 Carmen Agius irrilevat li kien miet Anthony Cumbo fl-20 ta’ Jannar 2006 u talbet li l-gudizzju fil-konfront tieghu jigi trasfuz fuq isimha. It-talba taghha giet milqugha b’digriet tas-27 ta’ Dicembru 2010 li fih gie rilevat li l-atti kien ghad jehtieg li jigu regolarizzati inkwantu li fil-mori tal-kawza kien miet ukoll Charles Cumbo.

In vista tal-premess, b’digriet ulterjuri tas-27 ta’ Dicembru 2010 fuq ir-rikors konguntiv fuq imsemmi tal-14 ta’ Mejju 2010 il-Qorti rrilevat li fil-frattemp inkwantu ghall-mejjet Anton Cumbo kienet saret talba mill-eredi tieghu Carmen Agius b’rikors tal-15 ta’ Dicembru 2010 li kien gie milqugh mill-Qorti fl-istess data tas-27 ta’ Dicembru 2010. Fl-istess digriet il-Qorti kompliet tirrileva li inkwantu ghall-mejjet Charles Cumbo fir-rikors kien qieghed jintalab li ssir il-legittimazzjoni tal-atti f’isem “il-partijiet, fosthom Francis Cumbo” mentri l-parti li tirrizulta mill-okkju tal-kawza huwa France Cumbo u li ghalhekk il-partijiet kien jehtigilhom jirregolaw ruhom f’dan ir-rigward.

Per konsegwenza, fis-27 ta’ Jannar 2011, sar ir-rikors konguntiv msemmi tal-partijiet li bih intalab li din il-Qorti tordna l-bdil fl-okkju tal-kawza odjerna fis-sens illi fejn hemm indikat l-isem “France Cumbo” bhala wiehed mill-appellati odjerni, dan jinbidel u jsir “Francis Cumbo” u konsegwentement tawtorizza l-legittimazzjoni tal-atti odjerni, f’dak li jirrigwarda l-mejjet Charles Cumbo, f’isem l-appellati Mary Randich, Francis Cumbo (sottolinear tal-partijiet) Carmen Buttigieg, Grace Delia u Joseph Cumbo, taht il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Mir-rikors konguntiv kien jidher li Carmen Agius, li f’isimha kien gie awtorizzat it-trasfuzjoni tal-atti ghar-rigward ta’ Anton Cumbo, ma kienitx parti fir-rikors u ghalhekk fit-18 ta’ April 2011, il-Qorti ddiferiet l-appell biex tisma’ lil Dr. Adrian Camilleri ghal Carmen Agius dwar it-talba ghall-korrezzjoni tal-okkju tal-kawza. Fid-9 ta’ Mejju 2011 Dr. Adrian Camilleri ghal Carmen Agius ddikjara li ma jopponix it-talba indikata fir-rikors konguntiv tal-partijiet

tas-27 ta’ Jannar 2011 u dakinhar il-Qorti ddiferiet l-appell ghall-provvediment jew sentenza skont il-kaz.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti ilha tesprimi l-preokkupazzjoni taghha ghan-nuqqas ta’ attenzjoni fil-konduzzjoni tal-kawzi fil-prim istanza li qed tirrizulta f’hafna incidenti u dewmien inutili fis-sede tal-appell. Dan hu kaz tipiku kif jirrizulta manifest mir-riassunt tal-fatti moghti hawn fuq.

Bir-rikors konguntiv *de quo* tas-27 ta’ Jannar 2011 il-partijiet qeghdin jitolbu t-trasfuzjoni tal-atti ghar-rigward Charles Cumbo f’isem “l-appellati” fosthom Francis Cumbo. Peress li hadd mill-appellati ma jismu “Francis Cumbo” izda wiehed mill-partijiet appellati hu indikat bhala “France Cumbo” il-partijiet qeghdin f’din l-istanza jitolbu l-korrezzjoni “tal-okkju tal-kawza” fis-sens illi fejn hemm indikat l-isem “France Cumbo” bhala wiehed mill-appellati dan jinbidel u jsir “Francis Cumbo”.

Izda dak li qeghdin effettivament jitolbu l-partijiet huwa l-korrezzjoni tal-isem tal-partijiet fil-kawza ghaliex l-okkju tal-kawza ma hux hlief l-indikazzjoni tal-partijiet inkawza kif stabbiliti fis-sentenza appellata u ghalhekk sabiex ikunu jistghu jigu kkoreguti l-ismijiet tal-partijiet indikati fl-okkju tal-kawza trid l-ewwel issir korrezzjoni tal-ismijiet tal-partijiet kif stabbiliti fis-sentenza appellata.

Il-partijiet ma taw ebda indikazzjoni tad-dispozizzjoni legali li fuqha qeghdin iserrhu t-talba taghhom izda evidentement din hi d-dispozizzjoni tal-Artikolu 175(2) li tirrigwarda korrezzjonijiet minn Qorti fi grad ta’ appell.

Huwa l-insenjament ormai kostanti ta’ din il-Qorti[1] illi ghat-tenur tal-Artikolu 175(2) is-setgha ta’ din il-Qorti li tikkoregi zball fl-atti hi limitata ghal atti li jigu prezentati wara s-

[1] Ara **Joseph Busuttil v. Avukat Dr. John Mamo *noe***, Qorti tal-Appell, 28 ta’ Frar 1997 u s-sentenzi hemm citati; **Ivan Borg pro et noe v. George Aquilina et**, Qorti tal-Appell Inferjuri, 20 ta’ Ottubru 2003; **Edgar Galea noe v. Alfred Sant Fournier et**, Qorti tal-Appell Inferjuri, 23 ta’ Frar 2005; Provvediment **Thomas Zahra et v. Raymond Parnis et**, Qorti tal-Appell, 31 ta’ Jannar 2011

sentenza tal-ewwel istanza u li din is-setgha ma testendix sas-sentenza li tkun appellata quddiemha. Din is-sitwazzjoni ma jidhirx li tbiddlet bl-emendi li saru bl-Att XXIV tal-1995 ghaliex is-subinciz (2) tal-Artikolu 175 ma jirrizultax li gie emendat.

Jibqa' li jrid jigi kkunsidrat jekk il-fatt li hadd mill-partijiet ma hu jopponi ghall-korrezzjoni tal-okkju kif mitlub jaghtix *mano libera* lil din il-Qorti sabiex tilqa' t-talba ghall-korrezzjoni mitluba. Din il-Qorti, izda, anqas bl-adezjoni tal-partijiet kollha fl-appell ma tistax tikkoregi l-ismijiet tal-partijiet li jidhru zbaljatament fl-okkju tas-sentenza appellata ghax ghandha tqis li dik is-sentenza nghatat kontra persuna jew persuni li ma kienux parti fil-kawza bhala attur jew konvenut[2]. Hi biss il-Qorti li ppronunzjat is-sentenza appellata li tista' taghmel ir-rettifika opportuna ghaliex is-sentenza appellata taghmel biss stat fil-konfront ta' dawk il-persuni li hi tiddikjara fl-okkju taghha li huma l-partijiet inkawza.

Inoltre, fl-okkju tar-rikors tal-appell iridu jigu indikati l-partijiet li fil-konfront taghhom giet pronunzjata s-sentenza appellata u dawn huma dawk li jirrizultaw mill-okkju tal-istess sentenza appellata. Peress li l-okkju tal-kawza kif jinsab fir-rikors tal-appell jirrispekkja fedelment u korrettement l-okkju tas-sentenza appellata allura ma jistax jinghad li hemm xi zball x'jigi kkoregut fl-okkju tar-rikors tal-appell.

Ghalhekk, it-talba ghall-korrezzjoni tal-okkju fis-sens li l-isem "France Cumbo" jinbidel u jsir "Francis Cumbo" ma tistax tintlaqa'.

Inkwantu ghat-talba ghal-legittimazzjoni tal-atti ghar-rigward ta' Charles Cumbo f'isem l-appellati fosthom, skont ir-rikorrenti, "Francis Cumbo", din it-talba ma tistax tintlaqa' kif proposta kemm ghaliex "Francis Cumbo" ma hux fost l-appellati izda wkoll ghaliex mid-dokumenti prodotti mar-rikors tal-14 ta' Mejju 2010 (fol. 288), u specifikatament mid-dokument markat Doc CC1 (fol. 294)

[2] Ara **Thomas Zahra et v. Raymond Parnis et**, Qorti tal-Appell,

jirrizulta li l-persuni indikati bhala eredi ta' Charles Cumbo huma fil-fatt l-eredi ta' Carmelo Cumbo u dan tal-ahhar ma jirrizultax li hu parti fil-kawza.

**Provvediment**

Ghaldaqstant il-Qorti tipprovdi fuq ir-rikors konguntiv tal-partijiet tas-27 ta' Frar 2011 (fol. 307) billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------